# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
# Boys' Secondary, Kirkop

| Mark |
|---|
| |

## HALF-YEARLY EXAMINATION – 2012/13

**Track 3 (JL)**

**FORM 4** **STUDJI SOĊJALI** **TIME: 1h 30min**

| Taqsima | A | B | Ċ | D | Marka Globali |
|---|---|---|---|---|---|
| Marka Massima | 25 | 35 | 15 | 25 | 100 |
| **Marka** | | | | | |

DO NOT WRITE ABOVE THIS LINE

**Isem:** ________________________________ **Klassi:** __________

**A. Wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin: 25 marka**

1. a. Għalfejn ngħidu li r-relazzjonijiet soċjali huma importanti għall-individwu? (3 marki)

   b. Semmi **ŻEWĠ** relazzjonijiet soċjali li inti għandek f'ħajtek. (2 marki)

2. a. Spjega d-differenza bejn aġenti primarji u aġenti sekondarji. (3 marki)

   b. Agħti eżempju ta' aġent primarju u eżempju ta' aġent sekondarju tas-soċjalizzazzjoni. (2 marki)

3. a. Għalxiex tirreferi l-**kultura**? (2 marki)

   b. Semmi **TLIET** karatteristiċi fil-kultura Maltija. (3 marki)

4. a. Malta hi pajjiż **multikulturali**. Għalfejn? (3 marki)

   b. Problema tal-multikulturaliżmu hi r-razziżmu. Semmi **ŻEWĠ** affarijiet ta' inti x'tista' tagħmel biex ma tkunx razzist. (2 marki)

5. a. X'tifhem bil-frażi '**il-familja hi dinamika**'. (2 marki)

   b. Semmi **TLIET** bidliet li għaddiet minnhom il-familja Maltija f'dawn l-aħħar tletin sena. (3 marki)

**B. Aqra din is-silta u wara wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Soċjetajiet demokratiċi jippruvaw jagħtu forma ta' ugwaljanza permezz tal-vot lil kulħadd, imma fatturi bħal flus, proprjeta' u poter politiku ma jingħatawx lil kulħadd. Ġeneralment min ikollu xi wħud minn dawn il-fatturi jkun jgħix ħajja komda u sinjura mentri min m'għandux minn dawn il-fatturi, jgħix ħajja normali. Din l-inugwaljanza fis-soċjeta' ngħidulja *stratifikazzjoni soċjali*.

Silta meħuda minn Studji Soċjali: Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjeta' (p.63)

1a. X'inhi l-istratifikazzjoni soċjali? (3 marki)
1b. Għalfejn l-istratifikazzjoni soċjali nsibuha f'kull soċjeta'? (2 marki)

2. Ikteb liema huma t-tliet klassijiet soċjali li nsibu fl-istratifikazzjoni soċjali. Agħti eżempju ta' ħaddiem/a għal kull klassi soċjali. (3,3 marki)

3. Ħafna drabi, n-nies tal-klassi 'l għolja jkollhom privileġġ fis-soċjeta'.
a. X'inhu **privileġġ**? (2 marki)
b. Spjega s-sentenza ta' fuq. (3 marki)

4. Kull klassi soċjali nistgħu nqisuha bħala grupp soċjali.
a. X'inhu **grupp soċjali**? (3 marki)
b. Agħti **żewġ** eżempji ta' gruppi soċjali. (2 marki)

5a. Fl-istratifikazzjoni soċjali, l-individwu jkollu ċans għall-mobilita' soċjali. X'inhi l-mobilita' soċjali? (3 marki)
5b. Semmi ż-żewġ tipi ta' mobilita' soċjali u għid xi jfissru. (2 marki)

6. L-istratifikazzjoni soċjali tista' twassal għal konflitti soċjali.
a. Spjega x'inhu **konflitt soċjali.** (2 marki)
b. Għalfejn l-istratifikazzjoni tista' twassal għal konflitti? (2 marki)
c. Agħti eżempju ta' konflitt soċjali. (marka)

7. Tnejn min-nies importanti li tkellmu fuq l-istratifikazzjoni soċjali kienu Karl Marx u Max Weber.
a. X'qal **Karl Marx** dwar l-istratifikazzjoni? (2 marki)
b. X'qal **Max Weber** dwar l-istratifikazzjoni? (2 marki)

**35 marka**

**Ċ. Fuq karta separata, ikteb paragrafu ta' madwar 150 kelma dwar WIEĦED minn dawn li ġejjin:**

1. 'Il-familja tal-lum inbidlet ħafna minn dik tal-imgħoddi.' Iddiskuti.

2. i. Semmi xi vantaġġi ta' meta inti tkun parti minn grupp.

   ii. Spjega x'inhuma l-**peer group** u l-**pressure group** u uri x'inhi d-differenza ta' bejniethom.

3. Il-kultura hija importanti għax tagħti l-identita' lill-pajjiż. Ikkummenta.

**15-il marka**

**D. Fuq karta separata, ikteb komponiment ta' madwar 200-250 kelma dwar WIEĦED minn dawn:**

1. Il-bniedem hu kreatura soċjali u mhux maħluq biex jgħix waħdu. X'tifhem b'din il-frażi?

2. "Il-proċess tas-soċjalizzazzjoni hu ta' ġid għall-individwu u għas-soċjeta." Ikkummenta.

3. Il-familja għandha ħafna funzjonijiet x'taqdi. Iddiskuti.

4. L-istratifikazzjoni soċjali nsibuha f'kull soċjeta'.

i. Spjega fid-dettall x'inhuma l-klassijiet soċjali billi tagħti eżempji.

ii. Semmi xi inugwaljanzi li ġġib magħha l-istratifikazzjoni soċjali.

**25 marka**